MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2007

Rikors Numru. 340/2007

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 391/07 fl-ismijiet:-**

**Technobroadcast s.r.l. socjeta` registrata l-Italia rapprezentata mill-mandatarju specjali taghha Doctor Louis Cassar Pulliccino (ID 441061 M).**

**vs**

**Mediterranean Broadcasting Equipment Ltd. (C 23047).**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors ta' Mediterranean Broadcasting Equipment Limited (C 23047) datat 26 ta' Marzu 2007 a fol. 1 tal-process pprezentat quddiem din il-Qorti diversament

presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Abigail Lofaro fejn gie premess:-

Illi dan huwa rikors ghar-revoka ta’ mandat kawtelatorju *a tenur* ta’ l-**artikolu 836 tal-Kap. 12** tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-esponenti qieghed jitlob li jigi revokat il-mandat fl-ismijiet u bin-numru premess billi:

L-attur ma ghandu l-ebda *prima facie* dritt ghar-refuzjoni ta’ parti mill-prezz u t-talba tieghu hija preskritta billi fil-fatt ghadda inutilment il-perijodu ta’ preskrizzjoni ta’ sitt xhur lilu moghti b’effett ta’ l-**artikolu 1431** tal-Kodici Civili. Dan ghaliex l-oggetti in kwistjoni gew mibjugha fl-2004 u l-2005.

Fi kwalsiasi kaz, l-ammont ta’ sittin elf lira Maltija, dikjarat mill-attur bhala *sorte* ma hu bl-ebda mod ikkwantifikat jew gustifikat u ma hemm, fil-mandat, ebda spjegazzjoni tal-mod kif inhi mahduma. In kwantu *inoltre* li l-kawza fil-mertu hi l-*actio aestimatoria*, fejn l-esponent qieghed jitlob riduzzjoni fil-prezz, ir-riduzzjoni mitluba hi ezagerata billi tikkostitwixxi effettivament aktar minn 50% tal-prezz u dan kif ser jigi ppruvat waqt is-smiegh tal-kawza u, *okkorrendo*, waqt is-smiegh tar-rikors odjern; dwar l-informazzjoni ta’ l-ammont, *inoltre*, ghandu jigi rilevat li l-attur ma hallasx il-prezz kollu dovut u ghad ghandu f’idejh somma li tirrapprezenta parti mill-prezz pattwit.

Illi *inoltre* jinghad li l-att kawtelatorju nhareg vessatorjament bl-iskop uniku li jigi arrekat dannu lill-esponenti u dan kif ser jigi dimostrat waqt is-smiegh tar-rikors.

Illi l-esponent qieghed isoffri danni sostanzjali bhala effett tal-mandat *de quo* u qieghed minn issa jirriserva li jipprocedi kontra r-rikorrenti ghall-hlas tad-danni premessi.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha thassar u tirrevoka l-mandat kawtelatorju fl-ismijiet u bin-numru premessi *a tenur* ta’ l-**artikolu 836 (1) (b)** li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug ta’ l-att

kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti; **(d)** *stante* li l-ammont mitlub ma huwiex *prima facie* gustifikat jew hu eccessiv; jew **(f)** *stante* li ma huwiex ragjonevoli fic-cirkostanzi li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju.

Illi *inoltre*, peress li l-esponent jissottometti li l-mandat inhareg bi skop vessatorju u bil-ghan li jigi arrekat dannu lin-negozju tieghu, jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lill-kumpanija attrici taghmel garanzija xierqa ghad-danni sofferti u ghall-hlas tal-penali skond il-ligi, liema garanzija ma ghandhiex tkun f'ammont anqas minn dak kawtelat bil-mandat odjern u fin-nuqqas li tinghata tali garanzija fit-terminu qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa, thassar il-mandat premess.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Abigail Lofaro ghas-seduta tat-3 ta' April 2007.

Rat ir-risposta ta' Tecnobroadcast S.r.l. datata 2 ta' April 2007 a fol. 7 tal-process fejn esponiet:-

Illi fl-ewwel lok ir-rikors huwa irritu billi *a tenur* ta' l-**artikolu 836 (1) tal-Kap. 12** ir-rikorrenti kellu jintavola r-rikors lill-Qorti li tkun qed titratta l-kawza fil-mertu galadarba giet istitwita l-kawza. Il-fatt li l-proceduri fil-mertu kienu gja gew istitwiti gie ndikat fil-mandat ta' sekwestru in kwistjoni.

Illi minghajr pregiudizzju ghall-premess, tajjeb li jigi sottolinejat illi f'dan l-istadju l-Qorti mhijiex tenuta taghmel stharrig fid-dettal u approfondit tal-kwistjoni divergenti li hemm bejn il-partijiet fil-kawza. Illi kif inghad bosta drabi fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed *prima facie* u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet. (Ara PA RCP 7 ta' Frar 2001: **Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co Ltd).**

Illi ghandu jinghad ukoll illi dak li l-Qorti trid tasal ghalih f'dawn il-proceduri ma ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed isir xi gudizzju fil-mertu dwaru. L-istharrig mehtieg fi proceduri bhal din huwa marbut ma ezami x'aktarx formali ta' l-att li tieghu qieghed jintalab ir-revoka. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwisiti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b'mod abbuziv. (ara Kumm. GMA 23 ta' Gunju 1994: **Paul Hili *et* vs Dr. Joselle Farrugia *nomine et***).

Illi dan ifisser illi l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li r-rikorrenti ezekutant ghandu bazi ta' pretensjoni. Il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghall-azzjoni giudizzjarja ma ghandux jigi mxxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jigi definit minn Qorti. (ara PA RCP 29 ta' Novembru 2001: **Vincent Mercieca vs George Galea**).

Illi fuq kollox f'materja bhal dik kontemplata fl-**artikolu 836 (1) (d)** u **(f)** u *cioe`* f'kazijiet fejn jigi allegat illi l-mandat mhuwiex gustifikat jew li mhuwiex ragjonevoli li jibqa' fis-sehh, ghandu jinghad illi f'kaz li l-quddiem il-Qorti li ser tqis il-kwistjoni fil-mertu tasal fil-konkluzjoni li l-azzjoni proposta mill-esponenti ma tistax tirnexxi, xorta wahda ma jistax jinghad li l-Mandat ma kienx gustifikat. Is-success jew telfien ta' kwistjoni fil-mertu ma jista' qatt ifisser li Mandat kawtelatorju nhareg b'mod vessatorju jew b'mod fiergha. (ara PA JSP 10 ta' Jannar 1992: **Spiteri vs Camilleri** u PA RCP 30 ta' Mejju 2002: **Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr. Lilian Calleja Cremona**). Il-kwistjoni ta' jekk huwiex ragjonevoli li Mandat kawtelatorju jinzamm fis-sehh jew jekk huwiex mehtieg jew gustifikat li tali Mandat jinzamm fis-sehh ma tiddependi xejn minn cahda tal-kawzali fil-mertu ta' l-esponent.

Illi l-esponenti jichdu kategorikament illi huma hargu dan il-mandat sabiex jirrekaw dannu lis-socjeta` rikorrenti. L-unika skop tal-mandat huwa li jikkawtelaw il-pretensjonijiet taghhom, haga li jistghu jaghmlu skond il-ligi.

Illi f'dawn il-proceduri, kwistjonijiet dwar il-mertu, bhall-kwistjoni tal-preskrizzjoni jew l-ammont reklamat ma ghandhomx jigu trattati altermimenti tkun qed issir trattazzjoni ta' kwistjonijiet li purament jolqtu l-mertu tal-kaz.

F'kull kaz pero` u ghall-finijiet ta' din ir-risposta, l-asserzjoni illi t-talbiet ta' l-intimati huma preskritti ghal kollox infondati. L-apparat in kwistjoni gie konsenjat wara d-dati ndikati fir-rikors u f'kull it-terminu ta' sitt xhur jiskatta minn meta l-akkwirent kien f'qaghda li jinduna bid-difett latenti (**Art. 1431 (2) tal-Kodici Civili**).

Illi kwantu ghall-allegazzjoni ta' l-eccessivita` tal-kawtela, mhuwiex minnu li l-ammont indikat fil-mandat huwa in eccess ta' hamsin fil-mija (50%) tal-prezz. L-esponenti xtraw minghand is-socjeta` rikorrenti apparat bil-prezz ta' Eur.344,438.07 u apparat iehor bil-prezz ta' Eur.212,251.00, b'kollox Eur.546,689.07. L-ammont indikat fil-Mandat ta' Lm60,000 jammonta ghal Eur.139,762.40 u *cioe`* hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) tal-prezz pattwit u mhallas. Fi kwalunkwe kaz l-ammont in kwistjoni jirrapprezenta l-ammont ta' spejjez inkorsi sa issa biex jigu rimedjati d-difetti latenti li gew kostatati.

Illi finalment huwa sottomess illi r-rikorrenti ma avvanza l-ebda raguni tajba kif titlob li-ligi biex jitlob lil din il-Qorti tordna lill-esponent li tiddeposita garanzija u ghalhekk it-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Abigail Lofaro tat-3 ta' April 2007 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr. John Refalo ghas-socjeta` rikorrenti. Deher l-intimat *nomine* Dr. Louis Cassar Pullicino. Il-partijiet qablu illi *una volta* illi diga` giet istitwita l-kawza fil-meritu kawtelat bil-Mandat in kwistjoni, liema kawza hija assenjata lil din il-Qorti hekk attwalment presjeduta (Rikors Guramentat Nru. 103-2007-RCP) allura dan ir-rikors messu ukoll gie assenjat mir-Registratur lil dik il-Qorti kif presjeduta u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 836 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.** Ghaldaqstant il-Qorti, kif diversament presjeduta,

filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan ir-rikors baghtet l-Atti lir-Registratur Qrati Trinunali Civili sabiex jigu assenjati lill-Qorti kif indikat.

Rat li din il-kawza giet appuntata minn din il-Qorti kif hekk illum presjeduta ghas-seduta tat-8 ta' Mejju 2007.

Rat in-nota ta' Mediterranean Broadcasting Equipment Ltdipprezentata *seduta stante* fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2007 li permezz taghha esebixxa zewg dokumenti mmarkati bhala Dok "AD1" u Dok "AD2".

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn fis-seduta mizmuma fit-22 ta' Mejju 2007 meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Adrian Delia ghas-socjeta` rikorrenti u prezenti wkoll rapprezentant ta' l-istess li nforma lill-Qorti li t-transazzjoni ma sehhitx. Dr. Louis Cassar Pullicino ssejjah diversi drabi baqa' ma deherx. Dr. Delia nforma lill-Qorti li fil-Bank gew maqbuda l-ammonti ta' tlieta u ghoxrin elf (Lm23,000) u li fid-Dwana ma gie maqbud xejn. Dr. Delia esebixxa Estratt ta' l-*Articles of Association* tas-socjeta` intimata Technobroadcast. F'dan l-istadju dahal Dr. Louis Cassar Pullicino. Dr. Delia esebixxa wkoll Dokument "AD4" rilaxxat mis-socjeta` ntimata. Dr. Louis Cassar Pullicino ddikjara li huwa ser jirtira l-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni fil-konfront tas-sekwestratarju l-Kontrollur tad-Dwana, u f'dan is-sens ser jipprezenta tali nota. Dr. Louis Cassar Pullicino ddikjara li qabel inbdew tali proceduri kienet intbaghtet ittra bonarja u saret risposta ghaliha minn Dr. John Refalo. Dr. Delia qabel li kienet intbaghtet tali ittra, u l-Qorti tat jumejn zmien lil Dr. Louis Cassar Pullicino biex jesebixxi kopja ta' l-istess ittra. Id-difensuri trattaw il-kaz. Ir-rikors gie differit ghall-provediment finali ghall-5 ta' Gunju 2007.

Rat in-nota ta' Tecnobroadcast s.r.l. datata 23 ta' Mejju 2007.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-mandat kawtelatorju ndikat u l-kontro-mandat 775/07.

Rat l-atti tal-kawza Rikors Guramentat Numru 103/2007 in kwantu relavanti ghall-premess.

Rat l-atti kollha l-ohra tar-rikors.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi s-socjeta' rikorrenti qed titlob li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Numru 391/07 jigi revokat abbazi tad-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 836 (1) (b) (d) u (f) tal-Kap 12.**

Illi l-**artikolu 836 tal-Kap 12** jiddisponi kif gej:-

*"(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-Qorti li tkun harget l-att kawtelatorju jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-Qorti li tkun qeghda titratta din il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f`parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:–*

*(a) li l-att kawtelatorju m`ghadux aktar fis-sehh;*

*(b) li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug ta` l-att kawtelatorju ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti;*

*(c) li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta` min ikun talab il-hrug ta` l-att kawtelatorju sew bil-hrug ta` att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-Qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni; jew*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie gustifikat jew ikun eccessiv ; jew*

*(e) jekk il-garanzija moghtija titqies mill-Qorti li tkun bizzejjed ; jew*

*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli".*

Illi *inoltre* r-rikorrent jghid ukoll illi a tenur tal-**artikolu 838 A tal-Kap 12** peress li l-mandat hareg bi skop vessatorju u bil-ghan li jigi arrekat dannu lin-negozju tieghu talba li l-istess socjeta' intimata tigi ordnata sabiex taghti garanzija xierqa ghad-danni sofferti u ghall-hlas ta' penali skond il-ligi, liema penali ma kellhiex tkun inqas mill-ammont indikat fil-mandat kawtelatorju u fin-nuqqas li tigi ppruvduta din il-garanzija fi zmien qasir u perentorju hekk iffissat il-Qorti tordna t-thassir tal-Mandat premess.

Illi dan ir-rikors qed isir wara li s-socjeta' intimata harget mandat ta' sekwestru Numru 391/07 fis-16 ta' Marzu 2007 kontra s-socjeta' rikorrenti ghall-ammont ta' Lm60,000, li huwa ammont li l-istess socjeta' sekwestranti qed tippretendi li huwa l-ammont li ghandu jitnaqqas mill-prezz ta' apparat li kien mibjugh mis-socjeta' rikorrenti ojderna lis-socjeta' intimata, u dan peress li qed jigi allegat li l-istess apparat kien effett minn difett latenti. Fil-fatt jinghad fl-istess mandat li din il-pretensjoni tifforma l-mertu ta' kawza estimatorja li l-istess socjeta' intimata istitwiet kontra s-socjeta' rikorrenti kif jidher mir-rikors guramentat Numru 103/07 datat 29 ta' Jannar 2007 li jinsab differit ghad-19 ta' Gunju 2007. Dwar in-natura ta' l-azzjoni tas-socjeta' intimata fil-fatt ma hemm l-ebda dubju tant li l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' rikorrenti odjerna, u konvenuta f'dik il-kawza hija li l-azzjoni hija preskritta a bazi ta' l-**artikolu 1431 tal-Kap 16.**

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti qeghda fi stadju li tiddeciedi dan ir-rikors biss abbazi ta' *prima facie* u l-konsiderazzjonijiet li jridu jsiru huma biss abbazi ta' dak li jipprovdi **l-artikolu 836 tal-Kap 12** u xejn izjed, *stante* li huwa ovvju li d-decizjoni finali fuq il-mertu tar-rikors li jirrigwarda l-fondatezza ta' l-azzjoni attrici ghandha tigi biss deciza fil-kawza proprja u dan jirreferi kemm ghall-presenza jew le ta' l-allegat difett latenti u kif ukoll ghall-eccepita

preskrizzjoni f'dik il-kawza mis-socjeta' rikorrenti odjerna, u dik naturalment konvenuta fil-kawza fuq citata.

Illi diversi sentenzi tal-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward tal-imsemmi mandat kawtelatorju fosthom fil-kawzi
**("Yorkie Clothing Industry Ltd u Calleja Cremona Dr. Lilian"** – P.A. (RCP) tat-30 ta ` Mejju 2002) kif ukoll **"John Zarb vs Port Cottonera Ltd"** – P.A. (TM) tas-16 ta` Settembru 2002).

Illi fil-kawzi **"Mercieca Vincent vs Galea George"** – (P.A. (RCP) kif ukoll **"John Zarb vs Port Cottonera Ltd"** – P.A. (TM) tat-18 ta` Settembru 2002) u **"Visual & Sound Communications Ltd vs Mario Camilleri et"** PA (RCP) tat-28 ta` Frar 2002) intqal hekk:-

*"Ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru wkoll illi l-ligi hija soggetta ghal diversi nterpretazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom".*

Illi fil-kawza **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** PA (GC) tas-26 t`April 2002 intqal hekk:-

*"Skond l-**artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12** jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

Illi fid-digriet **"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** (P.A. (RCP) 10 ta' Mejju 2001 – Rikors Numru 286/2001/RCP) u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001 inghad ukoll *"li mid-dispozizzjoni tal-istess **artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-*

*kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel iI-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja.*

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **"Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti"** (P.A. (RCP) 27 ta' Gunju 2002) inghad:-

*"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. (**"P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited"** – P.A. RCP. 10 ta' Mejju 2001; **"Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd"** P.A. RCP. 7 ta' Frar 2001)".*

Illi fuq dan l-insenjament jirrizulta li l-mandat ta' sekwestru hareg peress li s-socjeta' intimata odjerna Tecnobroadcast S.r.l qed isostni li l-apparat tax-xandir deksritt fl-azzjoni fuq indikata li hija xtrat minghand is-socjeta' rikorrenti odjerna kien affett minn difetti serji u latenti, u b'hekk giet istwieta l-azzjoni estimatorja skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 1427 tal-Kap 16.**

Illi ma hemm l-ebda dubju li l-istess pendenza trid tigi biss deciza fil-mertu fil-kawza proprja u dan ukoll japplika ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ta' l-azzjoni moghtija mis-socjeta' rikorrenti odjerna fil-kawza msemmija skond id-disposizzjoni ta' l-**artikolu 1431 tal-Kap 16,** liema preskrizzjoni hija ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-haga, *"izda jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx fil-haga, iz-zminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx ighaddu hlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett".* Din il-Qorti thoss li dan kollu ghandu jigi deciz fil-mertu u fil-kawza biss, izda fuq din il-bazi ma hemm l-ebda dubju li

*prima facie* l-istess socjeta’ initmata odjerna kellha bazi legali sabiex tikkawtela l-pretensjonijiet taghha u jsegwi li allura l-ligi jaghtiha l-possibilita’ *tramite* diversi mandati kawtelatorji, inkluz dak minnha prezentat, li hija takkawtela l-pretensjonijiet taghha, b’mod li jista’ liberalment jinghad li l-azzjoni li hadet l-istess socjeta’ intimata hija *“within her rights”* u bl-ebda mod ma jista’ jinghad li hija vessatorja.

Illi jekk tali vantazzjonijiet jigux ippruvati konkludentement ma hijiex din il-procedura odjerna li ser taghmel tali ezami, ghaliex certament ma hijiex la procedura adatta u lanqas il-forum proprju u f’dan l-istadju din il-Qorti taghmel riferenza ghat-talba tas-socjeta’ rikorrenti u d-diversi sub-artikoli li hija rreferiet ghalihom mill-**artikolu 836 (1) tal-Kap 12,** u fl-opinjoni tal-Qorti, mill-istess premessi tar-rikors, u minn dak li nghad f’din id-decizjoni jirrizulta li l-ebda wahda minnhom ma giet sostanzjata.

Illi fil-fatt dwar l-ewwel lamentela bbazata fuq l-**artikolu 836 (1) (b)** din tirrizulta li hija ghal kollox bla bazi *stante* li l-elementi kollha rikjesti mill-ligi jidhru li gew indikati mis-socjeta’ intimata.

Illi dwar l-**artikolu 836 (1) (d)** r-rikors tar-rikorrenti fuq din il-premessa huwa kompletament infondat fil-fatt u fid-dritt *stante* li mid-dokumenti esebiti anke fl-azzjoni ta’ bejn il-partijiet jidher li l-ammont indikat fis-sekwestru huwa vicin l-ammont ta’ spejjez skond nota datata 17 ta’ Mejju 2007 li allegatament l-istess socjeta’ intimata gja nkorriet sabiex issewwi dan l-apparat allegatament effett b’difett latenti. Jekk dan jimpurtax ir-responsabbilta’ ahhari tas-socjeta’ rikorrenti ghandu jigi deciz biss waqt il-kawza fil-mertu u certament li f’dan l-istadju kull gudizzju dwar l-istess ikun mhux biss prematur izda azzardat.

Illi jinghad ukoll li dwar l-**artikolu 836 (1) (d)** ma ngabet l-ebda prova mis-socjeta’ rikorrenti sabiex tissostanzja l-allegazzjoni taghha li l-ammont mitlub huwa eccessiv, ghalkemm dan ukoll il-Qorti tista’ tifhmu peress li kollox ghadu fi stadju ta’ *prima facie*, u l-kontestazzjoni bejn il-partijiet trid tigi rizolta b’mod jew iehor biss fil-kawza ta’

bejniethom. Jinghad pero' wkoll li l-prezz ta' l-istess apparat huwa wiehed sostanzjali u jeccedi sew l-ammont mitlub fl-att kawtelatorju ghalkemm din ukoll hija konsiderazzjoni relattiva; f'dan l-isfond izda jinghad li dak rikjest fl-imsemmi artikolu ma giex lanqas ippruvat mis-socjeta' rikorrenti anke peress li ghaliha l-azzjoni tas-socjeta' intimata hija biss wahda vessatorja – konkluzjoni li f'dan l-istadju din il-Qorti ma tistax tasal biex tikkondividi tenut kont ta' l-atti tal-kawza bejn il-partijiet fuq bazi ta' *prima facie.*

Illi fl-ahharnett dwar l-**artikolu 836 (1) (f)** jinghad li s-socjeta' rikorrenti bla ebda mod ma rnexxiela tipprova li tali mandat kawtelatorju fic-cirkostanzi ma huwiex ragonevoli li jithalla fis-sehh u lanqas saret xi prova li turi li l-istess mandat ma huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli, anke ghaliex ic-cirkostanzi ta' meta gie milqugh l-istess mandat sal-lum jidher li baqghu l-istess; f'dan il-kuntest huwa sinifikanti jinghad li l-att kawtelatorju nhareg ghall-ammont ta' Lm60,000, izda l-ammonti li hemm attwalment maqbuda l-Bank huma biss ta' Lm32,000 u dan kif ivverbalizzat mill-Avukat Dr. Adrian Delia ghas-socjeta' rikorrenti fil-verbal datat 22 ta' Mejju 2007.

Illi ghalhekk abbazi tal-istess ir-rikors tal-istess socjeta' rikorrenti qed jigi michud.

Illi dwar it-talba tas-socjeta' rikorrenti sabiex tinghata garanzija mis-socjeta' intimata ghad-danni sofferti u ghall-hlas ta' penali, din il-Qorti thoss li f'dan l-istadju jidher li s-socjeta' intimata agixxiet *prima facie* sabiex tissalvagwardja l-interessi taghha u ma thossx li gie ppruvat li tali mandat inhareg b'mod vessatorju tant huwa hekk li ma saret lanqas ebda talba abbazi ta' l-**artikolu 836 (8) tal-Kap 16.**

Illi dwar id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 838 A** din il-Qorti ma thossx li f'dan il-kaz ghandha tapplika dawn il-provedimenti peress li jirrizulta li l-mandat kawtelatorju nhareg fuq bazi *prima facie* legali u b'hekk mhux kaz li l-istess socjeta' intimata f'dan l-istadju agixxiet b'xi mod abbusiv b'mod li jistghu jikkawzaw lir-rikorrenti odjerni xi

danni b'mod ingust – f'dan is-sens ir-riferenza li saret ghad-digriet **"Joseph Zammit et vs Michael Debono et"** (P.A. (GV) – 31 ta' Awissu 2006) hija sinifikanti proprju fis-sens li l-konkluzjonijiet hemm mehuda kienu a bazi ta' dak li l-Qorti rreferiet ghalihom bhala danni kkawzati ngustament – element li certament ma gie bl-ebda mod ippruvat f'dawn il-proceduri u dan peress li f'dan l-istadju jidher li l-istess socjeta' intimata mxiet sabiex tissalvagwardja d-drittijiet taghha u certament li ma ghandu jkun l-ebda ostakolu sabiex persuna legalment tipproteggi l-pretensjonijiet taghha skond il-ligi b'dan li d-dritt ta' azzjoni u r-rikors lejn il-Qorti anke ghall-kawtela tal-pretizi drittijiet ma ghandux jigi b'xi mod ostakolat jew rez oneruz, b'mod li persuna tigi skoraggita milli tiehu d-drittijiet taghha skond il-ligi permezz tal-proceduri opportuni. B'hekk din il-Qorti thoss li din id-disposizzjoni hija marbuta ma' abbuz ta' ezercitazzjoni ta' dritt ta' azzjoni, haga li certament ghalkemm allegata, ma giet bl-ebda mod ippruvata mis-socjeta' rikorrenti.

Illi anzi a bazi ta' dak hawn deciz gie ppruvat il-kuntrarju; allura jsegwi li r-rikorrenti ma ppruvawx dak li huwa mehtieg bhala *"gusta kawza"* fl-artikolu minnha citat, u dan johrog car minn dak kollu li ntqal minn din il-Qorti f'dan il-provediment odjern u dan konformi ma' dak li gie stabbilit fid-decizjoni **"Joseph Demicoli vs Coleiro General Supplies Limited"** (P.A. (RCP) – 20 ta' Mejju 2002) u wkoll fid-deczjoni **"Mediterranean Film Studios vs Albert Galea et"** (P.A. – 30 ta' Gunju 2000) fejn inghad:-

*"Il-fatt li nhareg mandat kawtelatorju kontra (r-rikorrenti) mhux bizzejjed biex jitlob din il-garanzija. Dan il-fatt wahdu mhux il-kawza gusta li trid il-Ligi. Li kieku kien hekk, il-Ligi kienet tghid li kull min inhareg mandat kontra tieghu ghandu jinghata garanzija, izda l-Ligi trid ukoll, barra l-hrug tal-mandat, li jkun hemm kawza gusta…."*

Illi jinghad ukoll li ovvjament din il-Qorti qeghda hawn tikkonsidra biss il-posizzjoni fid-dawl ta' l-imsemmi **artikolu 838A tal-Kap 12** fuq bazi biss ta' *prima facie* ghaliex il-mertu jista' biss jigi kkunsidrat u deciz fil-kawza

fil-mertu bejn il-partijiet **“Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart”** (P.A. (JRM) – 29 ta’ Lulju 2005) u din il-Qorti thoss li certament f’dan l-istadju ma hemm l-ebda bazi sabiex tintalab l-istess garanzija u dan peress li jidher li s-socjeta’ intimata odjerna kull ma qed taghmel huwa biss li tikkawtela l-pretenzjonijiet taghha u ma jidhirx li qed isir abbuz f’dan l-istadju mill-istess procedura, tant li din il-Qorti gia ddecidiet f’dan is-sens iktar il-fuq f’dan il-provediment.

Illi ghalhekk abbazi ta’ dak stabbilit fid-decizjoni **“Joseph Parnis et vs Raymond Pace et”** (P.A. (GC) – 6 ta’ April 2001) u **“L-Avukat Vincent Falzon nomine vs Alexander Sullivan nomine”** (P.A. (GC) – 2 ta’ Marzu 2001) fejn il-konnessjoni ta’ l-istess artikoli hemm imsemmija u allura l-validita’ ta’ l-istess mandat u l-mod kif gie ezercitat, anke taht il-konsiderazzjoni ta’ l-**artikolu 836 (8) u (9)** huwa relevanti ghal dak li jipprovdi l-**artikolu 838 A tal-Kap 12,** almenu ghall-applikazzjoni tad-diskrizzjoni tal-Qorti ghall-ordni simili, jekk tintwera dik li tissejjah bhala “kawza gusta” u hawn issir riferenza ghal dak li gie deciz fil-provedimenti fl-ismijiet **“John Borg vs Jesmond Borg”** (P.A. (RCP) – 29 ta’ Marzu 2007 u **“Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty”** (P.A. (GC) – 4 ta’ Ottubru 2002).

Illi l-fatt li s-socjeta’ rikorrenti qed issofri pregudizzju b’dan il-mandat kawtelatorju hija naturali ghaliex kull mandat kawtelatorju huwa ntiz sabiex jikkawza dan kontra l-persuna ntimata; izda la darba jirrizulta li s-socjeta’ intimata sa dan l-istadju agixxiet fit-termini tal-ligi din il-Qorti ma thossx li l-provedementi ndikati ghandhom f’dan l-istadju jigu applikati kontra s-socjeta’ intimata, iktar u iktar meta l-ammont li l-istess socjeta’ intimata qed tipprova tikkawtela ghadu sallum mhux ghal kollox kopert u wkoll din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li s-socjeta’ intimata harget kontro-mandat sabiex l-istess mandat kawtelatorju ma jkollux effett fil-konfront tas-sekwestratarju l-Kontrollur tad-Dwana tant li nhareg il-kontro-mandat relattiv Numru 391/2007. Ghalhekk a bazi ta’ dak kollu li gie ndikat u deciz f’dan il-provediment din il-Qorti thoss li r-rikors tar-rikorrenti anke fuq din il-bazi huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt u qed jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' ntimata fir-risposta taghha tat-2 ta' April 2007, **tichad it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti fir-rikors taghha tas-26 ta' Marzu 2007** *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura kontra l-istess socjeta' rikorrenti Mediterranean Broadcasting Equipment Limited.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------